MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2004

Il-Pulizija
(Sp Simon Galea)
vs
Joseph Satariano, iben George,
imwieled San Ġiljan fl-24 ta'
settembru, 1950
u
Raymond Satariano, iben George,
imewieled San Ġiljan fil-11 ta'
marzu, 1947
u
James Satariano, iben George,
imwieled il-Gżira fit-18 ta'
frar, 1936
u
Ann Elizabeth Stanley, bint George
Satariano, imwielda Sliema fis-17
ta' jannar, 1941

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati –
1. talli bħala diretturi tal-kumpanija Roger Satariano & Son Ltd., f'dawn il-Gżejjer, fit-2 ta' frar, 2000 u fix-xhur ta' qabel b'diversi azzjonijiet magħmula minnhom fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-liġi u li kienu ġew magħmula b'rizoluzzjoni waħda, bħala l-persuni li kellhom f'idejhom il-kontroll tal-fond bl-isem Roger Satariano & Son Ltd. fi Triq il-Wied, Birkirkara jew bħala l-persuni li kellhom f'idejhom l-imsemmi fond b'mezzi qarrieqa kkomettew serq ta' kurrent elettriku minn arloġġ tad-dawl li jinsab fl-imsemmi fond liema serq hu kkwalifkat bil-mezz, bil-ħin u bil-valur li jeċċedi l-elf lira maltin (Lm1,000) għad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta;
2. talli fl-istess żmien għamlu ħsara volontarja fil-makkinarju jew fil-gumni tal-elettriku jew ikkaġunaw telf ta' kurrent elettriku;
3. talli fl-istess żmien għamlu ħsara jew kissru xi parti minn xi apparat jew gumni użati fil-provvista tal-elettriku jew is-siġilli tagħhom.
Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija tapplika l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' frar, 2004 fejn il-prosekuzzjoni nfurmat lill-Qorti li
s-soċjeta' debitriċi ħallset dak kollu dovut lill-Korporazzjoni Enemalta.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' frar, 2004 fejn Raymond Satariano ammetta l-akkużi u assuma r-responsabilita' għan-nom tas-soċjeta' debitriċi.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputati u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputati Joseph Satariano, James Satariano u Ann Elizabeth Stanley ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħhom u għalhekk tilliberhom mill-istess akkużi.  Issib lill-imputat Raymond Satariano ħati tal-

akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(b)(ċ)(f), 264, 267, 270, 278(1)(2)(3) u 326(1)(ċ)(f) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt
il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bla kondizzjoni. Fiċ-ċirkostanżi ta' dan il-każ mhemmx lok għall-applikazzjoni
tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------